MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-21 ta' April, 2006

Numru 325/2005

Il-Pulizija
(Sp Ramon Mercieca)
vs
Luca Caramagna, iben Giuseppe,
imwieled Pieta'
Identity Card no. 406384(m)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fis-17 ta' marzu, 2004 għal ħabta tan-nofs siegħa ta' wara nofs in-nhar, fi Triq il-Kosta, Baħar iċ-Ċagħaq saq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni LUC 884 –
1. b'ġiri aktar milli jmissu;
2. b'manjiera perikoluża;
3. talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti nvolontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura

gravi per durata fuq il-persuna ta’ Saviour Gatt, skond kif iċċertifika Dr. Jonathan Joslin M.D. ta’ l-Isptar San Luqa;
4. talli b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti kkaġuna ħsara nvolontarja fuq ċint u tabella għad-dannu tad-Dipartiment tat-Toroq.
Il-prosekuzzjoni talbet li l-imputat jiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fis-17 ta’ marzu, 2004 għal ħabta tan-nofs siegħa ta’ wara nofs in-nhar l-imputat kien qed isuq il-vettura tiegħu tal-marka Mitsubishi Pajero Junior, bin-numru tar-reġistrazzjoni LUC 884. Hu kien qed isuq fuq il-Coast Road ġej mid-direzzjoni ta’ St. Andrews sejjer lejn Buġibba. Meta wasal ħdejn it-triq li tieħu għal Magħtab għal xi raġuni flok ma kompla mixi skond kif iddur it-triq baqa’ sejjer dritt. Konsegwenza ta’ din il-manuvra hu baqa’ dieħel ġo mutur tal-marka Yamaha, bin-numru tar-reġistrazzjoni IBM 932, misjuq minn Saviour Gatt. Il-mutur kien fit-triq laterali li tieħu għal Magħtab u lanqas ma kien wasal fuq l-‘istop sign’ li hemm impinġi mal-art.

Illi konsegwenza ta’ dan l-inċident Saviour Gatt sofra feriti ta’ natura gravi, skond kif jirrizulta mix-xhieda tat-tabib u miċ-ċertifikat mediku eżebit. Inoltre, saret ħsara fuq proprjeta’ pubblika fl-ammont ta’ erbgħau għoxrin lira maltin (Lm24).

Illi Saviour Gatt ma jista’ jgħid xejn fuq l-inċident ħlief għal fatt li sab il-vettura ma ġembu u li din daħlitu fil-ħajt.

Illi l-imputat xehed li hu kien qed isuq wara vettura oħra li f'ħin minnhom qabdet u dahret fuq ix-xelluq tagħha għal ġot-triq li tieħu għal Magħtab. Hu xehed li konsegwenza ta' din il-manuvra tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu u ġara l-inċident. Xehed li kien qed isuq bi sped bejn is-60 u is-70 kilometru fis-siegħa u jaqbel ma l-isketch li ħejjew il-pulizija li marru fuq il-post.

Illi ma hemm ebda prova li l-imputat kien qed isuq b'ġiri aktar milli jmissu. Li hu ċar li l-imputat ma kienx attent fis-sewqan tiegħu u jirrizulta anżi li kien traskurat. Kieku żamm ċerta distanza minn ma l-vettura l-oħra l-inċident meritu ta' din il-kawża ma kienx jiġri. Jirrizulta ċar li hu responsabbli għall-inċident, fejn sofra ferita ta' natura gravi Saviour Gatt u li għamel Lm24 ħsara fi proprjeta' pubblika.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel żewġ akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn dawn l-akkużi. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 226(1)(a) u 328(b) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' elf u ħames mitt lira maltin (Lm1,500) u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' Lm24 danni lill-Gvern ta' Malta. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok li l-imputat jiġi skwalifikat mill-liċenżi tiegħu tas-sewqan.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------